TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 180/14/GB

**Catherine Chetcuti**

**vs**

**Amalgamated Laundry & Dry Cleaning**

Illum 15 ta' Ottubru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Awissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' disgha u sittin Ewro (€69.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal glekk, liema glekk gie ddanneggjat mis-socjeta' ntimata, wara li ttiehed ghandha ghas-servizz tad-'dry cleaning'.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-21 ta' Mejju 2014, hija kienet hadet il-glekk taghha ghand is-socjeta' ntimata ghas-servizz tad-'dry cleaning'. Hija kienet xtrat dan il-glekk fl-17 ta' Mejju 2014 u kienet libsitu darba biss.

Meta r-rikorrenti marret tigbor il-glekk in kwistjoni jumejn wara, sabet illi kien gie ddanneggjat. Is-socjeta' ntimata pprovat issewwi d-dannu diversi drabi, pero' kien kollu ghal xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta is-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet il-glekk in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta ta' meta nxtara l-glekk in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.CC1; flimkien ma' dokument iehor, li gie mmarkat bhala Dok.CC2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' sittin Ewro (€60.00), (stante illi d-disgha Ewro (€9.00) inkluzi fl-ammont mitlub ma jifformawx parti mis-sorte, pero' jirraprezentaw l-ispejjez tal-kawza), u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' sittin Ewro (€60.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**